



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2013/0064(COD)**

15.11.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
tistabbilixxi programm ta' appoġġ għas-sorveljanza u l-insegwiment fl-ispazju  
(COM(2013)0107 – C7-0061/2013 – 2013/0064(COD))

Rapporteur: Maria Da Graça Carvalho

PA\_Legapp

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-programm propost ifittex li jikkontribwixxi għall-bini ta' kapaċità indipendenti Ewropea ta' sorveljanza u l-insegwiment fl-ispazju ('SST') immirat lejn il-prevenzjoni u l-monitoraġġ tar-riskju li qed jikber ta' kollizzjoni bejn inġenji tal-ispazju jew bejn inġenju tal-ispazju u r-residwu spazjali. L-Istati Membri jikkontribwixxu bil-beni tagħhom sensorjali filwaqt li l-Unjoni tagħti qafas u kontribut finanzjarju, u b'hekk jiġu żgurati tliet funzjonijiet ewlenin: networking tas-sensuri; l-ipproċessar ta' data; servizz lill-utenti. L-aktar minħabba fid-dimensjoni tas-sigurtà tas-sistema SST, il-programm ikun immexxi mill-UE aktar milli mill-Aġenzija Spazjali Ewropea.

Ir-Rapporteur tipproponi li jiġi appoġġjat dan il-proġett strateġiku li hu strumentali għall-indipendenza u s-sigurtà tal-beni maġġuri Ewropej, mhux l-anqas skont iż-żewġ proġetti ta' skala kbira tal-UE, l-EGNOS/Galileo u Copernicus.

Madankollu, il-kwistjoni prinċipali identifikata mir-Rapporteur hi l-finanzjament tal-programm ta' appoġġ tal-SST. Effettivament, l-abbozz tar-Regolament jistabbilixxi li l-finanzjament tiegħu jittieħed minn programmi rilevanti oħrajn f'kompatibilità sħiħa mal-bażi ġuridika tagħhom. Imma għad li Galileo, Orizzont 2020, il-Fond għas-Sigurtà Interna u Copernicus ġew identifikati għall-kontributi, l-abbozz tal-att legali nnifsu għadu ma jinkludix lill-Copernicus u lanqas ma jikkjarifika l-entità ta' dawn il-kontributi rispettivi. L-abbozz tal-att legali saħansitra ma fihx l-ammont imsemmi fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni, jiġifieri EUR 70 miljun mifruxin fuq seba' snin. Fl-aħħar nett, ma jistabbilixxix b'mod preċiż it-tqassim tal-finanzjament tal-UE tul il-kompiti ewlenin mistennija.

Ir-Rapporteur ippruvat tirrimedja għal dawn in-nuqqasijiet billi ddaħħal ammont massimu u billi tiżgura li kemm l-EGNOS/Galileo u kemm Copernicus, li se jkunu fost il-benefiċjarji ewlenin tal-kapaċità SST, ikunu wkoll il-kontributori primarji – filwaqt li programmi oħrajn għandhom ikunu biss sussidjarji. L-użu tal-pakkett ta' Orizzont 2020, b'mod partikolari, għandu jkun strettament limitat għall-qasam tiegħu – jiġifieri r-riċerka spazjali u tas-sigurtà. Ir-Rapporteur tipproponi wkoll li ddaħħal analiżi punt punt tal-pakkett fit-tliet funzjonijiet ewlenin li jridu jiġu garantiti mill-programm SST. Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa tadotta atti ddelegati bil-ħsieb li tikkjarifika l-arranġament ta' finanzjament u prijoritajiet, kif ukoll sabiex titbiegħed b'mod sinifikattiv mill-analiżi punt punt preskritta jekk kemm-il darba dan ikun neċessarju.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

## Emenda 1

### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 12

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Informazzjoni preċiża dwar in-natura, l-ispeċifikazzjonijiet u l-pożizzjoni ta' ċerti oġġetti spazjali tista' taffettwa s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha. Għalhekk, għandhom jitqiesu kunsiderazzjonijiet xierqa dwar is-sigurtà fit-twaqqif u t-tħaddim tan-netwerk tas-sensors tal-SST, il-kapaċità li tiġi pproċessata u analizzata d-dejta tal-SST u l-provvista tas-servizzi tal-SST. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-użu u l-iskambju sigur tad-dejta u l-informazzjoni tal-SST bejn l-Istati Membri, l-EUSC u dawk li jirċievu s-servizzi tal-SST f'din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jiddefinixxu l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni meħtieġa biex jiġu indirizzati l-kwisjonijiet relatati mas-sigurtà tal-programm ta' appoġġ għall-SST.

## Emenda 2

### Proposta għal deċiżjoni

#### Premessa 15

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Il-programm ta' appoġġ għall-SST għandu jiġi ffinanzjat mill-Unjoni skont ir-Regolament (EU, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli

##### *Emenda*

(12) Informazzjoni preċiża dwar in-natura, l-ispeċifikazzjonijiet u l-pożizzjoni ta' ċerti oġġetti spazjali tista' taffettwa s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha. Għalhekk, għandhom jitqiesu kunsiderazzjonijiet xierqa dwar is-sigurtà fit-twaqqif u t-tħaddim tan-netwerk tas-sensors tal-SST, il-kapaċità li tiġi pproċessata u analizzata d-dejta tal-SST u l-provvista tas-servizzi tal-SST. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-użu u l-iskambju sigur tad-dejta u l-informazzjoni tal-SST bejn l-Istati Membri, l-EUSC u dawk li jirċievu s-servizzi tal-SST f'din id-Deċiżjoni. ***F'dan ir-rigward, l-infrastruttura eżistenti u l-għarfien esperti għandhom jintużaw biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u biex ikun hemm iffrankar u sinerġiji.*** Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jiddefinixxu l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni meħtieġa biex jiġu indirizzati l-kwisjonijiet relatati mas-sigurtà tal-programm ta' appoġġ għall-SST.

##### *Emenda*

(15) Il-programm ta' appoġġ għall-SST għandu jiġi ffinanzjat mill-Unjoni skont ir-Regolament (EU, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli

finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni<sup>18</sup>. ***Il-finanzjament*** tal-Unjoni għall-programm ta' appoġġ għall-SST ***għandu*** jittieħed mill-programmi ***rilevanti previsti*** fil-qafas finanzjarju pluriennali għall-2014-2020.

<sup>18</sup> ĠU L 298, 26.10.2012, p.1.

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal deċiżjoni Premessa 15a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni<sup>18</sup>. ***L-ammont ta' finanzjament*** tal-Unjoni għall-programm ta' appoġġ għall-SST ***għandu jkun EUR 70 miljun fi prezzijiet attwali. Għandu*** jittieħed ***primarjament*** mill-programmi ***deditati għall-politika spazjali*** fil-qafas finanzjarju pluriennali għall-2014-2020, ***jiġifieri l-EGNOS/Galileo u Copernicus, preferibbilment permezz ta' linji baġitarji speċifiċi skont dawn il-programmi, filwaqt li jkun żgurat li ma jkunx hemm riskju għall-oġġettivi proprji tagħhom. F'ċerti każijiet, il-kontributi mill-Fond għas-Sigurtà Interna u l-programm Orizzont 2020 għandhom ukoll ikunu possibbli imma għandhom ikunu strettament limitati għal azzjonijiet preskritti fl-atti bażiċi tagħhom, marbutin mal-protezzjoni tal-infrastruttura kritika u mar-riċerka spazjali u tas-sigurtà rispettivament. Kull żieda fil-kontribut tal-Unjoni għandha tinkiseb mill-programmi Galileo u Copernicus.***

<sup>18</sup> ĠU L 298, 26.10.2012, p.1.

*Emenda*

***(15a) Għall-finijiet ta' kjaressa u responsabilità, dak l-ammont massimu għandu jinqasam f'varji kategoriji skont l-oġġettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tkun tista' talloka mill-ġdid il-fondi minn oġġettiv għall-ieħor u għandha tagħmel hekk permezz ta' att iddelegat meta d-devjazzjoni taqbeż il-ħames punti perċentwali. Il-Kummissjoni għandha tadotta wkoll atti ddelegati li jagħtu dettalji dwar l-arranġamenti u l-prijoritajiet tal-***

*finanzjament li għandhom jiġu riflessi fil-programm ta' ħidma.*

#### **Emenda 4**

##### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha:

(a) tamministra l-fondi li għandhom jingħataw lill-programm ta' appoġġ għall-SST u tiżgura l-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ għall-SST;

(b) tieġu l-miżuri meħtieġa biex tidentifika, tikkontrolla, timmitiga u timmonitorja r-riskji assoċjati mal-programm;

(c) tistabbilixxi, b'kooperazzjoni mas-Servizzi Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni meħtieġa biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-programm.

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha:

(a) tamministra l-fondi li għandhom jingħataw lill-programm ta' appoġġ għall-SST u tiżgura l-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ għall-SST *filwaqt li jingħataw trasparenza u kjarezza dwar il-għejjun differenti tal-finanzjament;*

(b) tieġu l-miżuri meħtieġa biex tidentifika, tikkontrolla, timmitiga u timmonitorja r-riskji assoċjati mal-programm;

(c) tistabbilixxi, b'kooperazzjoni mas-Servizzi Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni meħtieġa biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-programm.

#### **Emenda 5**

##### **Proposta għal deċiżjoni Artikolu 6 - paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-komplementarjetà bejn il-programm ta' appoġġ għal-SST u l-attivitajiet ta' riċerka marbutin mal-protezzjoni tal-infrastruttura bbażata fl-ispazju mwettqa skont il-programm Orizzont 2020 stabbilit mill-[referenza għar-Regolament ta' Orizzont 2020 li għandha tiżdied ladarba jiġi adottat]. Għandha tiffaċilita wkoll il-komplementarjetà tagħha mal-attivitajiet*

***Ewropej u internazzjonali l-oħrajn f'dan il-qasam.***

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tkun tinkludi fit-test ġuridiku dak li bħalissa jissemma biss fil-premessi.*

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 8 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (EUSC) għandu jipparteċipa fl-implimentazzjoni tal-oġettiv stabbilit fil-punt (c) tal-Artikolu 3 u għandu jkun eliġibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-programm ta' appoġġ għall-SST bil-kundizzjoni li jiġi konkluż il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 10.

*Emenda*

1. ***Soġġett għal bidla fl-att bażiku tiegħu,*** iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (EUSC) għandu jipparteċipa fl-implimentazzjoni tal-oġettiv stabbilit fil-punt (c) tal-Artikolu 3 u għandu jkun eliġibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-programm ta' appoġġ għall-SST bil-kundizzjoni li jiġi konkluż il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 10.

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 11 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. ***Il-finanzjament*** tal-Unjoni għall-programm ta' appoġġ għall-SST għandu jittieħed ***minn programmi oħra previsti fil-qafas finanzjarju pluriennali għall-2014-2020 b'konformità sħiħa mal-bażi legali tagħhom. Il-programmi rilevanti li minnhom jista' jittieħed il-finanzjament jinkludu l-programmi stabbiliti permezz ta' dawn l-atti li ġejjin:***

(a) Ir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-

*Emenda*

1. ***Il-kontribut*** tal-Unjoni għall-programm ta' appoġġ għall-SST ***għandu jkun ta' EUR 70 miljun għall-2014-2020 fi prezzijiet attwali, li għandu jittieħed primarjament u fi proporzjonijiet ekwivalenti mill-programmi stabbiliti bl-atti li ġejjin:***

(a) Ir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-

implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita, l-Artikoli 1, 3(c) u (d) u 4;

*(b) Id-Deċiżjoni* tal-Kunsill Nru [...] li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020, l-Artikolu 2(2)(b) u (c), il-Parti II tal-Anness, il-punt 1.6.2(d) u il-Parti III tal-Anness, il-punt 6.3.4;

*(c) ir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tar-riskji, l-Artikolu 3(2)(b) u (3)(e).*

## Emenda 8

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 11 - paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita, l-Artikoli 1, 3(c) u (d) u 4;

*(aa) Ir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Copernicus, Artikolu 5 (c).*

*Parti mill-kontribut tista' wkoll tittieħed, sa ċertu punt limitat, u skont it-termini tal-atti bażiċi tagħhom, mill-programmi stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxu, bħala parti mill-Fond ta' Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità u l-ġestjoni tal-kriżi, Artikolu 32(2)(b) u (3)(e) u mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru [...] li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont 2020, l-Artikolu 2(2)(b) u (c), il-Parti II tal-Anness, il-punt 1.6.2(d) u il-Parti III tal-Anness, il-punt 6.3.4.*

*Emenda*

**1a. L-approprijazzjonijiet għandhom ikopru l-objettivi definiti fl-Artikolu 3 kif ġej:**

**(a) funzjoni tas-sensuri [X]%;**



*(b) funzjoni tal-ipproċessar [X]%;*

*(c) funzjoni tas-servizz [X]%.*

## **Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1b. Kull fejn jirriżulta neċessarju li jkun hemm devjazzjoni mill-allokazzjoni għal objettiv speċifiku ta' aktar minn 5 punti perċentwali, il-Kummissjoni għandha tingħatalha s-setgħa tadotta atti ddelegati skont it-termini tal-Artikolu 14a għall-emendar ta' din id-distribuzzjoni.***

## **Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 11 - paragrafu 1 c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1c. Il-Kummissjoni tingħatalha s-setgħa tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 14a li jagħtu dettalji dwar l-arranġamenti u l-prijoritajiet tal-finanzjament li għandhom jiġu riflessi fil-programmi ta' ħidma skont l-Artikolu 6. Il-Kummissjoni tadotta att ddelegat fl-ewwel sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

## **Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 11 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti previsti għal din l-attività fil-programmi li minnhom ittieħed il-finanzjament.

*Emenda*

2. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti previsti għal din l-attività fil-programmi li minnhom ittieħed il-finanzjament. ***Kull żieda fil-kontribut tal-Unjoni għandha tinkiseb mill-programmi Galileo u Copernicus.***

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 13 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Appoġġ għall-SST.

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Appoġġ għall-SST ***u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sena.***

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni  
Artikolu 14a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 14a***

***Eżerċizzju tad-delega***

***1. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.***

***2. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemija fl-Artikolu 11 għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

***3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 11 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament***

*Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ.*

*4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

*5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 11 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew min-naħa tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel tmiem dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se jrinjoġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Jinkludi d-dispożizzjonijiet relevanti dwar l-atti ddelegati.*

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Programm ta' appoġġ għas-sorveljanza u l-insewiment fl-ispazju
<b>Referenzi</b>	COM(2013)0107 – C7-0061/2013 – 2013/0064(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 14.3.2013
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 4.7.2013
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Maria Da Graça Carvalho 10.6.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	14.11.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 31 –: 1 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Jean-Luc Dehaene, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Lucas Hartong, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Jan Mulder, Vojtěch Mynář, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Derek Vaughan, Angelika Werthmann, Jacek Włosowicz
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	François Alfonsi, Maria Da Graça Carvalho, Frédéric Daerden, Edit Herczog, Paul Rübig, Alda Sousa, Peter Šťastný
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pablo Arias Echeverría, Jean-Paul Besset, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Zdravka Bušić, Jolanta Emilia Hibner, Helmut Scholz, Tadeusz Zwiefka